MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 86/2009

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Cauchi ta' 38 sena, iben John u Elizabeth nee' Caruana, imwieled Ontario (Kanada) nhar il-25 ta' Ottubru 1970, residenti fil-fond numru Tal-Gawi, Triq Tumas Cassar, Gharb u detentur tal-karta tal-identita' numru 448289(M), bhala President tal-Gharb Rangers Football Club.**

U

**Louis Apap ta' 56 sena bin Salvu u Nazzarena nee' Grech, imwieled Gharb nhar il-11 ta' Marzu 1952, residenti fil-fond numru Abode of Bliss, Triq elice Grech, Gharb u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 20252(G), bhala Segretarju tal-Gharb Football Club**

**U**

**Mario Saliba ta’ 40 sena bin Emanuel u Frances nee’ Vella imwieled Gharb nhar it-03 ta’ Ottubru 1968, residenti fil-fond numru Flat 6, Block ta’ Frencu, Sdiri Street, Gharb u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 27868(G) bhala Kaxxier tal-Gharb Rangers Football Club.**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Joseph Cauchi, Louis Apap u Mario Saliba li gew akkuzati talli nhar il-05 ta’ Frar 2009 u xhur qabel din id-data f’dawn il-gzejjer impjegaw, jew taw xoghol lil persuna li ma kenitx persuna ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilu ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, artikolu 32(1)(b).

Aktar ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala il-principal, impjegajtu xi persuna li ma kenitx cittadina ta’ Malta meta dik il-persuna ma kellhiex permess tax-xoghol bi ksur ta’l-artikolu 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess zmien u cikostanzi bhala l-principal, jew il-persuni li impjegajtu persuni ohra, naqsu li jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impieg kif hemm l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati gew imharrka sabiex iwiegbu ghar-reati addebitati lilhom fl-akkuza fil-vesti taghhom ta’ President, Segretarju u Kaxxier rispettivament tal-Gharb Rangers Football Club. Illi dwar il-fatti ta’ dana l-kaz ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni. Illi l-klabb tal-futbol in kwistjoni xtaq jakkwista non-amateur player barrani sabiex jilghab fit-tim taghhom. Kien ghalhekk li iddecidew idahhlu lil Domenic Isamah Matthias, persuna ta’ nazzjonalita’ Nigerjana bhala player fit-tim u ffirmaw kuntratt bejniethom esebit fl-atti fejn huma ftiehmu illi kellhom ighaddu lil Matthias pagament mensili ghas-servizzi tieghu, fost affarijiet ohra. Jirrizulta illi dana l-player kien ghamel xi zmien jilghab mat-tim tal-futbol Msida St.Joseph u mbaghad wara mat-tim ta’ Ghajnsielem. Mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-imputat kellu visa sabiex jibqa jirrisjedi Malta ghal perijodu ta’ zmien li kien jilghab mat-tim tal-Imsida izda wara dina skadiet u qatt ma regghet giet imgedda. Illi jirrizulta wkoll illi dana Matthias lanqas kellu work permit u ghalhekk meta nstab mill-pulizija huwa gie deportat lejn pajjizu peress illi kien qieghed Malta illegalment. Illi l-imputati t-tlieta jsostnu illi huma ma kellhom l-ebda idea illi l-imputat ma kellux il-permessi sabiex jibqa’ Malta. Illi l-imputat Joseph Cauchi li kien il-President tal-klabb isostni illi huwa halla f’idejn il-Vici President u s-Segretarju ghar-rigward tar-registrazzjoni tal-player u l-affarijiet l-ohra in konnessjoni ma’ dan. Mario Saliba li kien il-kaxxier tal-klabb isostni illi ma kienx il-kompitu tieghu illi jiehu hsieb ir-registrazzjoni tal-players peress illi huwa kien jiehu hsieb l-aspett finanzjarju biss. Illi l-imputat Louis Apap li kien is-segretarju tal-klabb fl-2009 isostni illi huwa kien halla f’idejn il-Vici President David Apap ghar-registrazzjoni ta’ dan in-non amateur player peress illi ma kienx jaf x’kellu jaghmel. Kien biss wara meta nqala’ dana l-kaz illi irrealizza illi Mattihias ma kellux il-permessi necessarji biex jibqa’ Malta. Peress illi dana l-player kien

diga laghab ma’ teams ohra allura assuma illi kellu kollox skond il-ligi.

Illi d-difiza qieghda tikkontendi qabel xejn illi l-imputati qatt ma jistghu jinstabu responsabbli ghar-reati li dwarhom huma jinsabu akkuzati billi Matthias u cioe’ l-player in kwistjoni qatt ma kellu kuntratt ta’ mpieg, izda kuntratt ta’ servizz u ghalhekk ma kienx impjegat mal-Klabb tal-Gharb Rangers.

Illi bir-rispett lejn l-abbli difensur tal-imputati, il-Qorti ma tistax taqbel ma’ dina l-linja difensjonali proprju minhabba dak li hemm dispost fil-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn hemm imfisser fl-artikolu 2 tal-istess Att x’kien l-ispirtu u l-intenzjoni tal-legislatur meta ppromulga l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. L-artikolu 2 tal-imsemmi Att jistipula li l-kelma “impjegat” tfisser:
**“persuna li tkun ghamlet jew tahdem taht kuntratt ta’ servizz jew li tkun intrabtet personalment li taghmel xi xoghol jew hidma ghal haddiehor, u taht id-direzzjoni u l-kontroll immedjat ta’ persuna ohra, u tinkludi haddiem ta’ barra, izda teskludi xoghol jew servizz moghti fi sfond professjonali jew bhala kuntrattur ghal persuna ohra meta dak ix-xoghol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt ta’ servizz specifiku.”**

Il-ligi wkoll taghti definizzjoni ta’ kuntratt ta’ servizz u kuntratt ta’ mpieg:

**“‘kuntratt ta’ servizz’ u ‘kuntratt ta’ impieg’ tfisser ftehim (barra minn servizz bhala membru ta’ forza dixxiplinata), sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f’kull ghamla li tkun, li bih persuna tintrabat li taghmel servizz lil jew tahdem ghal principal bil-hlas ta’ paga u safejn ghandhom x’jaqsmu l-kondizzjonijiet ta’ l-impieg jinkludi ftehim ta’ apprendistat.”**

Kwindi il-kuntratt iffirmat bejn Matthias u l-imputat jaqa’ taht dina d-definizzjoni tal-ligi bla ebda dubbju. Illi l-kelma mpieg tinkludi fiha kemm kuntratt ta’ mpieg kif ukoll kuntratt ta’ servizz kif gie ffirmat bejn il-partijiet. Matthias

intrabat li jaghti servizz lill-klabb u dana bi hlas ta' paga mensili. Ghalhekk dina l-linja difensjonali ser tigi skartata.

Illi fit-tieni lok id-difiza targumenta illi qatt ma tista' tinstab htija fil-konfront tal-imputati peress illi l-mens rea ghall-kummissjoni tar-reat huwa nieqes. Illi t-tlett imputati jghidu illi huma impjegaw lil Matthias konvinti illi huwa kellu l-permessi kollha necessarji. Is-Segretarju Louis Apap jikkontendi illi huwa halla f'idejn David Apap il-Vici-President u kwindi assuma illi l-player kellu l-karti kollha kif suppost. L-imputati jsostnu illi huma irrealizzaw illi Matthias ma kellux il-permessi biex jibqa' u jahdem hawn Malta meta gew mitkellma mill-pulizija.

Illi l-Qorti lanqas ma tista' taqbel ma' dina l-linja difensjonali. Illi kien id-dmir tal-klabb kollu u ghalhekk b'mod ewlieni tal-President u s-Segretarju illi jaraw illi kull regola u kull ligi tigi osservata fit-tmexxija tal-klabb. Illi ghalhekk jekk huma naqsu milli jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu huma ghandhom iwiegbu ghal dana n-nuqqas.

Dana jwassal necessarjament ghat-tielet linja difensjonali fejn id-difiza tikkontendi illi r-responsabbilta f'dana l-kaz ma tistax taqa' fuq il-President u l-Kaxxier tal-Klabb billi huwa s-Segretarju biss illi jrid iwiegeb ghal dana n-nuqqas. Illi l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm dispost testwalment:

"**Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f 'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin ta' l-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f 'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat.**"

Illi ghalhekk kemm il-President kif ukoll is-Segretarju f’dana l-kaz ghandhom iwiegbu ghal kull nuqqas, izda din il-Qorti tqis illi l-kaxxier li kien biss jiehu hsieb l-aspett finanzjarju tal-Klabb ma ghandux iwiegeb ukoll billi ma kienx jidhol fil-manzjonijiet tieghu d-dmir li jara illi l-player in kwistjoni kellu l-permessi kollha necessarji u skond il-ligi. Kif ighid l-imputat Mario Saliba stess, huwa kien jiehu hsieb dak li kellu x’jaqsam ma’ hlasijiet u xejn iktar u ghalhekk l-Qorti ser tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

L-istess ma jistax jinghad kemm ghall-President kif ukoll ghas-Segretarju tal-Klabb billi huma ma ezercitawx id-diligenza kollha xierqa u kif trid il-kariga okkupata minnhom u hallew f’idejn haddiehor minghajr ma indenjaw ruhhom jaghmlu l-verifiki kollha necessarji.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 3(a), 7 u 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputat Mario Saliba mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu issib lill-imputati Joseph Cauchi u Louis Apap bhala President u Segretarju rispettivament tal-Gharb Rangers Football Club, hatja tal-akkuzi u tikkundannhom multa kull wiehed ta’ elf u hames mitt ewro (€1500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------